2024/428

9.2.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/428

tat-2 ta' Frar 2024

li tadotta t-tmien aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed

(notifikata bid-dokument C(2024) 526)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed imsemmi fl-Artikolu 1(c)(iii) tad-Direttiva 92/43/KEE huwa magħmul minn partijiet mit-territorju tal-Unjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, kif speċifikat fil-mappa bijoġeografika approvata fl-20 ta' April 2005 mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva, (il-"Kumitat dwar il-Ħabitats").

(2) Il-lista inizjali ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed, skont it-tifsira tad-Direttiva 92/43/KEE, ġiet adottata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/92/KE ([2]). Dik il-lista ġiet aġġornata l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/242 ([3]).

(3) Is-siti inklużi fil-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed jiffurmaw parti min-network Natura 2000, li huwa element essenzjali tal-ħarsien tal-bijodiversità fl-Unjoni. Il-listi ta' siti ta' importanza Komunitarja jiġu rieżaminati regolarment sabiex ikun hemm aktar progress fl-istabbiliment reali tan-network Natura 2000 u fil-kuntest tal-adattament dinamiku ta' dak in-network.

(4) Bejn it-18 ta' Lulju 2022 u s-6 ta' Frar 2023 l-Istati Membri pproponew siti addizzjonali ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE. L-Istati Membri ressqu wkoll bidliet fl-informazzjoni li għandha x'taqsam mas-siti li jkunu jinsabu fil-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed.

(5) Abbażi tal-abbozz tal-lista mfassal mill-Kummissjoni bi ftehim ma' kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, li jidentifika wkoll is-siti li għandhom tipi ta' ħabitats naturali ta' prijorità jew speċijiet ta' prijorità, jenħtieġ li tiġi adottata lista aġġornata ta' siti magħżulin bħala siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed. L-Artikoli 4(4) u 6 tad-Direttiva 92/43/KEE japplikaw għas-siti li ġew inklużi dan l-aħħar.

(6) L-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim tat-tipi ta' ħabitats naturali u tal-ispeċijiet qiegħed jevolvi kontinwament minħabba s-sorveljanza mwettqa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 92/43/KEE. Għalhekk, l-evalwazzjoni u l-għażla tas-siti fil-livell tal-Unjoni saru bl-użu tal-aqwa informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien.

(7) Fir-rigward tar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed, mhux l-Istati Membri kollha pproponew biżżejjed siti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva 92/43/KEE għal ċerti tipi ta' ħabitats u speċijiet. Barra minn hekk, l-għarfien dwar l-eżistenza u t-tqassim ta' wħud mit-tipi ta' ħabitats naturali elenkati fl-Anness I u ta' wħud mill-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE għadu mhux komplut. Għaldaqstant, għal dawk it-tipi ta' ħabitats u speċijiet ma jistax jiġi konkluż li n-network Natura 2000 huwa komplut.

([1]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/92/KE tat-12 ta' Diċembru 2008 li tadotta, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, lista inizjali tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed (ĠU L 43, 13.2.2009, p. 59).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/242 tas-26 ta' Jannar 2023 li tadotta s-seba' aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed (ĠU L 36, 07.2.2023, p. 299).

(8) Fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/242 titħassar.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Ħabitats,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tmien aġġornament tal-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed, kif stabbilit fl-Anness, huwa adottat.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/242 titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Parti 1

It-tmien aġġornament tal-lista ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku tal-Baħar l-Iswed

Kull sit ta' importanza Komunitarja (SIK) huwa identifikat bl-informazzjoni pprovduta fil-format Natura 2000, inkluż il-mappa korrispondenti. Din l-informazzjoni intbagħtet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 92/43/KEE.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti l-informazzjoni li ġejja:

A: il-kodiċi SIK b'disa' karattri u l-ewwel tnejn ikunu l-kodiċi ISO tal-Istat membru;

B: l-isem tas-SIK;

C: * = il-preżenza tas-SIK f'mill-inqas tip ta' ħabitat naturali u/jew speċi ta' prijorità wieħed/waħda skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/43/KEE;

D: l-erja tas-SIK f'ettari jew it-tul tas-SIK f'km;

E: il-koordinati ġeografiċi tas-SIK (il-latitudni u l-lonġitudni) fi gradi deċimali.

L-informazzjoni kollha mogħtija fil-lista tal-Unjoni ta' hawn taħt hija msejsa fuq id-*data* proposta, mibgħuta u vvalidata mill-Bulgarija u mir-Rumanija.

A	B	C	D		E	
Kodiċi SIK	Isem tas-SIK	*	Erja tas-SIK (ha)	Tul tas-SIK (km)	Koordinati ġeografiċi tas-SIK	
					Lonġitudni	Latitudni

Parti 2

KodiċiSIK	IsemSIK	Artikolu1	ErjaHA	TULKM	Lonġitudni	Latitudni
BG0000100	Plazh Shkorpilovtsi	*	6 456,997	0	27,8665	42,9375
BG0000102	Dolinata na reka Batova	*	18 459,2342	0	27,9261	43,3764
BG0000103	Galata	*	3 853,57	0	27,9121	43,0828
BG0000116	Kamchia	*	12 919,9374	0	27,7536	43,0217
BG0000118	Zlatni pyasatsi	*	1 373,4385	0	28,0364	43,3044
BG0000119	Trite bratya	*	1 019,734	0	27,2883	42,7117

KodiċiSIK	IsemSIK	Artikolu1	ErjaHA	TULKM	Lonġitudni	Latitudni
BG0000130	Kraymorska Dobrudzha	*	6 657,7029	0	28,2845	43,6587
BG0000132	Pobitite kamani	*	231,1698	0	27,6971	43,2506
BG0000133	Kamchiyska i Emenska planina	*	63 678,46	0	27,5081	42,9231
BG0000141	Reka Kamchia	*	159,3633	0	27,482	43,039
BG0000143	Karaagach	*	68,8319	0	27,7725	42,2233
BG0000146	Plazh Gradina - Zlatna ribka	*	1 245,85	0	27,6704	42,4237
BG0000151	Aytoska planina	*	29 385,685	0	27,4414	42,6892
BG0000154	Ezero Durankulak	*	5 050,7949	0	28,5775	43,6828
BG0000198	Sredetska reka		707,2174	0	27,047	42,3156
BG0000208	Bosna	*	16 227,004	0	27,6447	42,1869
BG0000219	Derventski vazvishenia 2	*	54 990,5009	0	27,0536	42,1297
BG0000230	Fakiyska reka	*	4 100,6358	0	27,2388	42,2678
BG0000242	Zaliv Chengene skele	*	190,0154	0	27,5119	42,4292
BG0000270	Atanasovsko ezero	*	7 210,0163	0	27,4547	42,5836
BG0000271	Mandra - Poda	*	6 139,1738	0	27,4042	42,415
BG0000273	Burgasko ezero	*	3 066,8992	0	27,3922	42,4975
BG0000573	Kompleks Kaliakra	*	48 336,277	0	28,354	43,3888
BG0000574	Aheloy - Ravda - Nesebar	*	3 926,784	0	27,722	42,6497
BG0000620	Pomorie	*	2 085,152	0	27,6364	42,5989
BG0000621	Ezero Shabla - Ezerets	*	2 623,5917	0	28,5875	43,5753
BG0001001	Ropotamo	*	98 204,7838	0	27,9341	42,3019
BG0001004	Emine - Irakli	*	16 794,59	0	27,8579	42,7244
BG0001007	Strandzha	*	153 529,6143	0	27,7368	42,0695
BG0001500	Aladzha banka		669,64	0	28,0567	43,2781
BG0001501	Emona		55 345,28	0	28,1554	42,8522
BG0001502	Otmanli		8,83	0	27,5287	42,4418

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/428/oj

ĠU L, 9.2.2024

KodiċiSIK	IsemSIK	Artikolu1	ErjaHA	TULKM	Lonġitudni	Latitudni
ROSAC0073	Dunele marine de la Agigea	*	11,8		28,642683	44,088406
ROSAC0094	Izvoarele sulfuroase submarine de la Mangalia		5 784,9		28,702811	43,814342
ROSAC0157	Pădurea Hagieni - Cotul Văii	*	3 680,1		28,427772	43,742622
ROSAC0197	Plaja submersă Eforie Nord - Eforie Sud		5 716,7		28,736339	44,042339
ROSAC0269	Vama Veche - 2 Mai		12 311		28,701978	43,7564
ROSAC0273	Zona marină de la Capul Tuzla		4 946,8		28,739289	43,989125
ROSCI0065	Delta Dunării	*	453 645,5		29,198361	45,052417
ROSCI0066	Delta Dunării - zona marină		336 200,2		29,394461	44,717314
ROSCI0114	Mlaștina Hergheliei - Obanul Mare și Peștera Movilei	*	231,7		28,583339	43,83785
ROSCI0281	Cap Aurora		13 592,2		28,710383	43,863744
ROSCI0293	Costinesti - 23 August		4 883,6		28,725022	43,925283
ROSCI0311	Canionul Viteaz		35 376,7		30,337625	43,946631
ROSCI0413	Lobul sudic al Câmpului de Phyllophora al lui Zernov		186 815,3		30,178833	44,842194